MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Numru. 157/2007

Il- Pulzija
(Spettur Stephen J Gatt)

-vs-

Marco Risiott

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Marco Risiott ta’ 42 sena iben John u Carmela Borg, imwieled Msida fis- 17 ta’ Mejju 1964 u joqghod Sylvia Flats, Flat 7, Triq Emmanuel Galizia, Ta’ Xbiex, detentur tal- karta tal- identita’ bin-numru 262764M.

Talli nhar id- 19 ta’ Frar 2007 gewwa Ta’ Xbiex ghal-habta tal- 3.50pm:

a) Bil- hsieb li jikkommetti reat ta' serq ta' stereo tal-marka Audiola minn gewwa vettura Toyota Tercell EBG493, wera dan il- hsieb b' atti esterni li taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id- delitt, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa, li ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan ghad- detriment ta' Silvio Tanti.

b) Talli fl- istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Silvio Tanti billi ikkaguna hsara fil- vettura Toyota Tercell EBG493, mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara huwa izjed minn hames mitt lira Maltija.

c) Talli fl- istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser il-provediment tal- artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta moghtija mill- Qorti tal- Magistrati, Malta nhar l- 10 ta' Lulju 2006.

Rat in- nota ta' l-Avukat Generali u l-kunsens ta'l-imputat.

Rat x-xhieda u d-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 41, 261(b)(g), 263, 271 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 22 taL-Kap 446 tal-Ligijet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija dik ta' attentat ta' serq aggravat u ta' hsara volontarja kif ukoll talli kiser kundizzjonijet ta' ordni ta' *probation.*

Illi f'l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena tosserva li mill-fedina penali ta' l-imputat jirrizulta li huwa diga gie misjub hati ta' attentat ta' serq u tpogga taht ordni ta' *probation*. Jidher li dan ma kienx ta' deterrent bizzejjed ghall-imputat ghaliex rega' ikkommetta attentat ta' serq iehor u hsara volontarja f'propjeta ta' terzi. Il-kommissjoni ta' dawn id-delitti naturalment tfisser li huwa anke kiser il-kundizzjonijiet tal-*probation.*

Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa car li l-Qorti ser ikollha tiehu mizuri aktar iebsa fil-konfront ta'l-imputat. Minkejja dan il-Qorti lesta tghati lill-imputat l-ahhar opportunita biex verament jirriforma ruhu minghajr ma effettivament jiskonta piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 41, 261(b)(g), 263, 278 u 263 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet lilu adebiti u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sentejn liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' erbgha snin. In oltre b'applikazzjoni ta' artikolu 28G tal-Kap 9 il-Qorti qed tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal perjodu ta' erbgha snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu that l-artikolu 28G jekk ma jikkonformax ruhu ma' l-ordni ta' supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficcjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Marco Risiott.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------